MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 858/2002/1

**Leserlie Caruana**

**v.**

**Brian Cauchi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Lulju, 2002 l-attrici ppremettiet: illi fit-13 ta' Awissu, 2000 għal ħabta bejn 12.00 u 12.30 fi Triq Clarence, Msida seħħ inċident awtomobilistiku bejn il-

karozza tal-konvenut u dik ta’ Charles Formosa, għal liema inċident il-konvenut kien unikament responsabbli minħabba nuqqas ta’ tħaris ta’ regolament tat-traffiku u ta’ komportament mistenni da parti tiegħu minħabba liema aġir l-attriċi li kienet passiġġiera fil-vettura misjuqa minn Charles Formosa soffriet danni; illi dawn id-danni kemm bħala danni emerġenti u kemm bħala lucrum cessans jikkonsistu f’danni personali u fil-feriti riportati mill-attriċi fl-imsemmi inċident u l-kura li ħadet għal istess; illi minkejja kull interpellazzjoni ma kienx hemm risarċiment mill-konvenut; dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi kemm bħala danni emerġenti kif ukoll bħala lucrum cessans fl-inċident stradali li seħħ fit-13 ta’ Awissu, 2000 ġewwa Clarence Str, Msida;

2. Tillikwida d-danni kaġonati, jekk hemm bżonn permezz ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inkluża ta’ l-ittra uffiċjali ppreżentata kontra tiegħu fis-17 ta’ April, 2002, u bil-konvenut minn issa nġunt biex jixhed in subizzjoni.
B’nota ppreżentata fl-24 ta’ Ottubru, 2002, il-konvenut eċċepixxa;

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi billi għalkemm il-kolliżjoni tat-13 ta’ Awissu, 2000, meritu tal-kawża, verament ġrat minħabba t-tort ta’ l-istess eċċipjenti, l-attriċi ma korritx bħala konsegwenza ta’ l-impatt fiżiku bejn il-vetturi.

2. Illi skond ma ġie riferit lill-eċċipjent mill-kumpanija assikuratriċi tiegħu, id-danni pretiżi mill-attriċi huma esaġerati u possibilment ukoll għal kollox fittizji.

3. Illi wkoll skond ma ġie riferit lill-eċċipjent mill-kumpanija assikuratriċi tiegħu, l-attriċi, mitluba

ripetutament sabiex tikkwantifika l-pretensjonijiet tagħha b’mod intelliġibbli u sabiex tittrasmetti dokumenti illi setgħu jevidenzjaw il-pretensjoni tagħha, skartat għal kollox tali talbiet u biss baqgħet tirrepeti t-talbiet eżorbitanti tagħha mingħajr qatt ma ġġustifikat l-istess. L-eċċipjent jissottometti illi kont ta’ tali imġieba għandu jittieħed anke għall-fini tal-kap ta’ l-ispejjeż, ukoll f’eventwalita` ta’ eżitu pożittiv tal-kawża għall-attriċi, billi l-attriċi għamlitha impossibbli illi din il-vertenza tiġi transatta amikevolment u mingħajr proċeduri ġudizzjarji.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Jannar, 2007 meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, kkonkludiet hekk:

"*Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talbiet kollha ta’ l-attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta’ sitt elef, ħames mija u tlieta u tletin Lira Maltin u sittin ċenteżmu (Lm6,533.60). L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut.*"

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Illi fir-rigward tar-responsabbilita` ta’ l-inċident ma hemmx kwistjoni għaliex il-konvenut qed jammetti r-responsabbilita` iżda qed jikkontesta li l-attriċi sofrew xi ħsara permanenti. Jihder ċar pero’ mir-rapporti tal-periti mediċi illi effettivament l-attriċi sofriet tali ħsara b’riżultat ta’ l-inċident in kwistjoni.

“Stabbilita din il-kwistjoni, irid allura jiġi deċiż l-ammont ta’ danni li għandhom jiġu akkordati lill-attur [*recte*: attrici] in segwitu għall-inċident stradali msemmi. Dan il-Qorti se tagħmlu fuq l-iskorta tad-diversi sentenzi li ngħataw mill-Qrati tagħna in segwitu tas-sentenza Butler vs Heard fl-1967.

“L-attriċi qed tirreklama kemm *damnum emergens* u kemm *lucrum cessans*. Fir-rigward ta’ l-ewwel, l-attriċi esebiet diversi dokumenti li jinkludu wkoll korrispondenza li għaddiet bejn l-Avukati u d-ditta assikuratriċi tal-konvenut qabel saret il-kawża. Ġew esebiti wkoll dokumenti simili mill-konvenut. Parti mill-kontestazzjoni

hija dwar pagi u *bonuses* li l-attriċi qed tallega li tilfet b'riżultat ta' l-inċident. Minn eżami ta' dawn id-dokumenti (senjatament a fol 68) jidher li l-attriċi ħarget fuq *sick leave* mingħajr ma titħallas fis-26 ta' Settembru, 2001 u damet sat-18 ta' Novembru, 2001 meta tterminat l-impjieg (skond hi minħabba l-inċident). Għalhekk billi l-paga tagħha kienet mitejn u sebgħa u tletin Lira Maltin (Lm237) fix-xahar tilfet xahrejn paga u cioe` ħames mija u erbgħa u sebgħin Lira Maltin (Lm574). Ma jirriżultax telf ta' bonus jew pagi oħra kif talbet fl-ittri tal-konsulent legali tagħha. Nefqet erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm430) spejjeż mediċi li huma dokumentati, iżda t-talbiet tagħha l-oħra fl-ittra a fol 114 tal-proċess m'humiex ġustifikati. Għalhekk bħala danni materjali sofriet elf u erba' Liri Maltin (Lm1,004).

"Naturalment hija dejjem il-kwistjoni tal-lucrum cessans li tippreżenta dejjem l-ikbar diffikoltajiet. L-inċident seħħ fl-2000 meta l-attriċi kellha biss għoxrin (20) sena u għalhekk illum hu għandu [*recte :* hi ghandha] ħamsa u għoxrin (25) sena. L-esperti mediċi addizjonali waslu għall-konklużjoni li hija sofriet dizabilita` ta' sitta fil-mija (6%). Dan huwa in sintonija ma' l-ewwel rapport mediku tal-kirurgu Mr. Sciberras u għalhekk se jkun adottat biex tiġi kalkolata s-somma li għandha titħallas. Għandu jingħad li l-attriċi qed tenfasizza l-fatt li minħabba l-inċident tilfet l-impjieg u minħabba nuqqas ta' edukazzjoni formali hu diffiċli għaliha li ssib impjieg ieħor, iżda ladarba l-Qorti se takkorda danni a bażi ta' disabilita` permanenti, ma tistax tagħti iktar danni minn hekk għaliex allura tkun qed takkorda danni duplikati – ara s-sentenza riċenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet Portelli vs Scerri (11 ta' Diċembru, 2006).

"Tenut kont ta' l-eta` żagħżugħa ta' l-attriċi, il-Qorti se tadotta multiplier ta' tletin (30) sena. L-attriċi kellha l-paga msemmija ta' mitejn u sebgħa u erbgħin Lira Maltin (Lm247) fix-xahar u allura elfejn, disa' mija u erbgħa u sittin Lira Maltin (Lm2,964) fis-sena oltra mija u tmien Liri Maltin (Lm108) bonus b'total ta' tlett elef u tnejn u sebgħin Liri Maltin (Lm3072) illi fuq perjodu ta' tletin (30) sena jammontaw għal tnejn u disgħin elf u mija u sittin Lira Maltin (Lm 92,160) – sitta fil-mija (6%) ta' dan jammontaw

għal ħamest elef, ħames mija u disgħa u għoxrin Liri Maltin u sittin ċenteżmu (Lm5,529,60). Il-Qorti mhux se tnaqqas xejn min dan biex tikkumpensa l-inflazzjoni mal-ħlasijiet ta' taxxi u kontribuzzjonijiet u lanqas għall-ħlas f'daqqa tenut kont tal-fatt li l-inċident ġara sitt snin ilu. Għalhekk it-total li se takkorda bħala danni se jkun sitt elef, ħames mija u tlieta u tletin Lira Maltin u sittin ċenteżmu (Lm6,533.60).

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fil-15 ta' Frar, 2007 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha dwar ir-responsabbilita`, tibdilha dwar il-likwidazzjoni ta' danni fuq il-punti hawn appellati, filwaqt li tikkonfermaha dwar l-aspetti li minnhom ma hemmx appell fl-istess likwidazzjoni, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma li hekk tigi likwidata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Il-konvenut ipprezenta risposta ghall-appell ta' l-attrici fejn stqarr li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li konsegwentement l-appell ta' l-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari tar-rikors ta' l-appell jidher li l-attrici qed tilmenta fuq l-ammont li gie likwidat favur taghha billi ssostni li ghal dawk li huma *damnum emergens* l-ewwel Qorti kellha tillikwida ammont superjuri minhabba telf ta' xoghol u ghal dawk li huma *lucrum cessans* l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidrat l-effetti ta' l-inflazzjoni fuq il-perjodu kollu tal-*multiplier* u cioe` ta' tletin sena, infatti l-appellanti issostni li l-figura ta' LM4000 bhala introitu ghal fini tal-*multiplier* kien ikun aktar gust u realistiku. L-attrici mhux qed tilmenta la mill-percentwali ta' dizabilita` li giet akkordata u lanqas mill-fatt li l-*multiplier* gie limitat ghal tletin sena.

Il-kontro-parti ssostni li ghal dawk li huma *loss of earnings* ma hemmx prova li l-attrici ma hadmitx ghall-perjodu li hija qed tallega, mentri dwar il-paga li fuqha kellu jigi komputat il-kumpens il-konvenut isostni li t-talba ta' l-appellanti mhix sorretta mill-gurisprudenza.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar id-damnum emergens.**

Fil-likwidazzjoni tad-danni attwali l-Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawk l-ispejjez medici u konnessi li l-persuna li soffriet il-griehi tkun ghamlet bhala konsegwenza ta' l-akkadut. F'dan il-kap il-korrutt jinghata risarciment ukoll ta' dak it-telf attwali ta' intoritu li hu jkun sofra bhala rizultat sa kemm jerga' jimpjega ruhu u dana billi d-dizabilita` permanenti tkun tali li tikkawza menomazzjoni limitata ghall-korrutt.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attrici sofriet dizabilita` fi grad ta' sitta fil-mija liema dizabilita` giet kostatata mill-esperti kollha mahtura ghal dan il-ghan. Kien mistenni ghalhekk li l-attrici, wara perjodu ragonevoli sabiex tirkupra, terga' timpjega ruhha. Biss l-impieg taghha gie terminat wara cirka xahar mill-akkadut u l-attrici ssostni li minhabba l-kwalifiki limitati taghha hija setghet tahdem biss bhala "chamber maid" jew xoghol manwali simili, u dan ma setghetx taghmlu minhabba l-ugieh li kienet issofri tant hu hekk li anke ghal dawk li huma facendi fid-dar kienet u ghadha tigi assistita minn ommha u omm l-gharus. L-attrici ghalhekk qed titlob li tigi risarcita ghall-perjodu kollu li l-inkapacita` taghha kienet totali.

Din il-Qorti tara certa inkonsistenza fil-mod kif saret it-talba. Mhux cert ezattament x'qed titlob l-attrici. Qed titlob li tinghata kumpens fuq bazi ta' *total disability* ghal perjodu kollu tal-*multiplier* jew ghal perjodu aktar ragonevoli minn dak ta' xahrejn li llikwidat l-ewwel Qorti?

Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala l-attrici ghandha tinghata kumpens fuq bazi ta' *total disability* kif fuq inghad, u dan ghas-semplici raguni li d-dizabilita` permanenti

taghha giet limitata fi grad ta’ 6% u ghalhekk hu mistenni li xi mument jew iehor l-attrici, anke bl-ghajuna ta’ medicinali, terga’ tkun tajba ghax-xoghol. Kwalunkwe kumpens futur, ghalhekk, irid jiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur altrimenti jigi pregudikat b’mod serju d-danneggant. Biss din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti kienet konservattiva hafna meta likwidat l-ammont ta’ LM574 ghal telf ta’ paga u dana billi jirrizulta in atti li ghal diversi xhur wara l-incident l-attrici kienet giet certifikata bhala inkapaci li tahdem u sahansitra inkapaci li tirregistra ghax-xoghol. Dan jidher ampjament mic-certifikati rilaxxjati mill-Istpar San Luqa fit-22 ta’ Settembru, 2000, fil-5 ta’ Jannar, 2001 u fid-19 ta’ Ottubru, 2001 [fol. 95, 97 u 98 tal-process]. Sahansitra fl-ahhar certifikat il-konsulent Dr Zammit jghid espressament hekk: “*Niccertifika li ezaminajt lill-persuna msemmija hawn fuq* [cioe` Leserlie Caruana] *u li fil-fehma tieghi tbati minn* ***Cervical neuralgia*** *li din il-kundizzjoni tirrendiha inkapaci ghal xoghol ghal perjodu ta’ open*.” Dan ifisser li ghal anqas sa sena u xharejn wara l-akkadut l-attrici certament ma kinitx fi stat li tahdem ebda xoghol. Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li r-rizarciment ghall-introitu mitluf ghandu jkun ghal perjodu ta’ sena u nofs u konsegwentement, tenut kont li l-paga ta’ l-attrici, fid-data ta’ l-incident, kienet ta’ LM237 fix-xahar, id-*damnum emergens* ghandu jkun fl-ammont ta’ LM4,696 u cioe` LM4266 ghal introitu mitluf u LM430 spejjez medici.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-*lucrum cessans* u cioe` dak ir-risarciment li jinghata fuq firxa ta’ snin fil-futur minhabba d-dizabilita` li wiehed ikun sofra, l-attrici tilmenta li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ma kkunsidratx l-effett ta’ l-inflazzjoni. Infatti l-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni ta’ dawn it-tip ta’ danni ikkunsidrat biss l-paga attwali li kellha l-attrici fis-sena ta’ l-incident b’zieda ta’ bonus. Biss dik il-Qorti, donnha biex tiggustifika dan l-atteggiament, ziedet tghid “*Il-Qorti mhux se tnaqqas xejn minn dan biex tikkumpensa l-inflazzjoni mal-hlasijiet tat-taxxi u kontribuzzjonijiet u lanqas ghal hlas f’daqqa tenut kont tal-fatt li l-incident gara sitt snin ilu.*”

Din il-Qorti hawn ukoll ma taqbilx mal-hsieb ta’ l-ewwel Qorti u dana billi fl-ewwel lok il-paga ta’ l-attrici fid-data ta’ l-incident kienet tali li ma tattirax taxxa billi kienet ekwivalenti ghall-paga minima nazzjonali, u fit-tieni lok it-tnaqqis ghal *lump sum payment* mhux marbut ma’ rata ta’ inflazzjoni o meno izda mal-perjodu li jghaddi bejn l-incident u s-sentenza b’dana li aktar ma ddum il-kawza anqas tkun d-*deduction* minhabba l-fatt li l-ammont ser jithallas f’daqqa.

Huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi jgholew u dana bhala rizultat ta’ l-inflazzjoni li teffettwa l-*purchasing power* ta’ dak li jkun. Fuq firxa ta’ tlettin sena wiehed jistenna li l-paga tizdied, forsi mhux kemm qed issostni l-attrici, izda ghal menu b’20%. Ghalhekk kien ikun xieraq li ghal fini tal-*multiplier* tittiehed is-somma ta’ LM3,556 biex taghmel tajjeb ghaz-zieda fil-paga tul dak il-perjodu kollu. Dan premess izda, u galadarba l-*multiplier* mhux qed jigi kontestat, u l-attrici ser tinghata rizarciment shih ghall-ewwel sena u nofs ta’ dan il-*multiplier*, id-danni taht dan il-kap qed jigu likwidati fis-somma ta’ LM6,144 [LM3556 x 30 sena = LM106704 – LM4266 x 6%].

Ghalhekk l-appell ta’ l-attrici qed jigi milquh billi d-danni dovuti b’rizarciment ghad-dizabilita` li sofriet kif ukoll d-danni reali, qed jigu likwidati fis-somma ta’ LM10,840 ossia fis-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf mitejn u hamsin ewro (€25,250). Ghall-bqija ser tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appelllata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ Lm6,533.60 u minflok tikkundannah ihallasha s-somma ta’ €25,250 (hamsa u ghoxrin elf, mitejn u hamsin Ewro), u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------